# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 25 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru:** 917/15 DMA

**Alfred Attard**
**(K.I. 146868M)**

**Vs**

**Rudy Grech**
**(ID. 165293M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2015 fejn l-attur talab illi tghid ghaliex, inti, m'ghandekx tigi kkundannat thallas lill-attur l-ammont ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u hamsa centezmu (€1,281.55) rapprezentanti sehemu mis-self li kien ghamillek il-mejjet Carmelo Attard li tieghu l-attur huwa iben u eredi.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' dan l-Avviz kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fis-17 ta’ Diċembru, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi - :
   i) Il-hlas li kien dovut mill-intimat lil nannuh metern Carmelo Attard (missier ir-rikorrent) in segwitu ghal bejgh ta post illi minnu l-istess Carmelo Attard kellu sehem kien gie rinunnzjat mil-istess Carmelo Attard u ghalhekk, oltre li xejn mhu dovut, dan ma kienx ‘self’ kif allegat mill-attur; u
   ii) Is-self li kien giemoghti mill-istess Carmelo Attard lill-intimat fis-somma ta’ elf ewro (€1,000) kien gie mahfur, u dank if ser jigi ampjament ppruvat.
2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

It-Tribunal semgha x-xhieda mressqa mill-partijiet kif ukoll xehdu l-partijiet.

L-attur xehed u ressaq provi u spjega illi dawn il-flus gew mislufa lill-konvenut li jigi t-tifel ta ohtu, minghand missieru li jigi n-nannu tal-konvenut. Gie spjegat illi n-annu kien diga ghamel xi self iehor lil konvenut li tieghu ghamlu skrittura izda ta dab l-allegat self inghata permezz ta cekk, ma hemmx skrittura. Spjega li missieru ghalkemm kellu l-flus qatt ma kien idu miftuha fil-flus u zgur mhux ser jghattihom u ma jigborhomx.

Il-konvenut min-naha tieghu xehed u ressaq xhieda fejn spjega illi dawn il-flus kien sehem in-nannu minn post li xtara hu stess u nannuh kien ilu jghajru biex jixtrieh. Nannuh kien qallu ukoll illi sehemu kien ser icedijilhu u hekk ghamel ghax tah lura c-cekk.

It-Tribunal irid jara l-provi mressqa quddiemu. F’dan il-kaz wiehed irid jara liema verzjoni hija dik qrib is-sewwa. Irid izzom f’mohhu wkoll illi l-attur ma kienx parti min negozjati jew mix-xiri u ghalhekk ma jistax ikun mija fil-mija ta’ x’intqal. Specjalment minhabba l-fatt illi skrittura bejn missier l-attur u l-konvenut ma saritx.

Ghalhekk huwa difficli ghat-Tribunal jasal biex jifhem l-intendiment ta' missier l-attur fuq dawn il-flus. Li huwa zgur li n-nannu ghamel skrittura fuq self iehor mal-konvenut. Allura tohrog il-mistoqsija wehidha li kieku n-nannu riedhom lura allura ma kienx jaghmel skrittura mal-konvenut gialadarba kienu diga ghand in-nutar meta xtara l-post. La darba n-nannu ma espremiex ruhu li l-flus riedhom lura bl-ebda mod, la skrittura la mnizzla fil-kuntratt xejn allura wiehed jasal jiddeduci illi din kienet ghotja u mhux self.

Ghal dawn ir-ragunijiet u motive t-Tribunal jichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas is-sehem taghha.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**